MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 450/2014

**Mattia Preti Limited (C18735)**

**vs**

**Charmaine Azzopardi (ID203770M)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti datat it-23 ta’ Mejju 2014 u d-dokumenti annessi mieghu;

Rat li l-intimata Charmaine Azzopardi dehret assistita mill-Avukat taghha.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet lid-difensur tal-intimata li strahet fuq l-Artikolu 3 tal-kuntratt anness mar-rikors guramentat li jghid li l-proprjeta` trasferita hija “*okkupata lil terzi*”.

Rat li skont l-istess kuntratt l-intimata hija deskritta flimkien ma ohrajn bhala “*l-vendituri”* u ghalhekk il-kuntratt, anke fl-interpretazzjoni komuni tieghu, ma jistax jinfthiem li l-*kelma “terzi*” jaghti lok ghal interpretazzjoni mod iehor hlief li taghmel riferenza ghall-persuna li mhix parti mill-kuntratt.

**<u>Konkluzjoni</u>**

Ghaldaqstant billi ma jidhirx li l-intimata ssodisfat id-dettam ta' prova *prima facie* sabiex tilqa' ghat-talbiet tal-attur, il-Qorti ser tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-Art *167 et seq* tal-Kap 12 u tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-intimata sabiex tizgombra mill-fondi msemmija fi zmien perent ta' tlett xhur millum.

L-ispejjez ghandhom jigu ssopporati mill-istess intimata.

Il-Qorti qed tirriserva favur is-socjeta` rikorrenti kwalsiasi azzjoni ohra lilha spettanti ghad-danni fil-konfront tal-istess intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------